MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 529/2005

**Sunrise Travel Limited (C-14947)**

**vs**

**Bonaci Media Entertainment Limited (C-27879)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Frar, 2005 fejn intalab il-hlas ta' elf u tlett mija u erbgha u erbghin lira Maltija (Lm1344.00) rapprezentanti zewg cheques illi s-socjeta` konvenuta ghaddiet lis-socjeta` attrici, ta' Lm672 kull wiehed.**
**Illi dawn iz-zewg cheques ma setghux jigu msarrfa mis-socjeta` attrici.**
**Illi ghalhekk is-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' elf u tlett mija u erbgha u erbghin lira Maltija (Lm1344.00).**

**Illi s-socjeta` konvenuta ghamlet diversi promessi li ser thallas dan l-ammont izda l-ebda pagament ma gie effettwat.**
**Ghaldaqstant is-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf u tlett mija u erbgha u erbghin lira Maltija (Lm1344.00) flimkien mal-imghaxijiet u spejjez legali.**

**Ra n-nota prezentata mis-socjeta` attrici fit-28 ta' Gunju, 2005, li biha gie cedut is-sorte filwaqt li nzamm ferm il-kap tal-ispejjez.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri dwar is-sorte, jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas l-ispejjez tal-prezenti proceduri.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------